



Dokument ta' sessjoni

A9-0435/2023

12.12.2023

RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Indja (2023/2128(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Alviina Alametsä

WERREJ

	Paġna
ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET	15
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	16
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18

ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Indja (2023/2128(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Sħubija Strateġika UE-Indja stabbilita fl-2004,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-15-il Summit UE-Indja tal-15 ta' Lulju 2020, kif ukoll id-dokument intitolat “Sħubija Strateġika UE-Indja: Pjan Direzzjonali għall-2025” adottat fis-summit, u d-dikjarazzjonijiet konġunti l-oħra ffirmati reċentement mill-UE u l-Indja,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar is-sħubija u l-iżvilupp tal-1994¹,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) u l-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2018 intitolata “Elementi għal strateġija tal-UE dwar l-Indja” (JOIN(2018)0028), u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja tal-10 ta' Diċembru 2018,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Settembru 2021 intitolata “L-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku” (JOIN(2021)0024),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha “Strateġija mtejba għas-Sigurtà Marittima kontra theddidiet marittimi li qegħdin jevolvu” tal-10 ta' Marzu 2023 (JOIN(2023)0008),
- wara li kkunsidra “L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea – Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha” ta' Ġunju 2016,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali²,
- wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022,

¹ ĠU L 223, 27.8.1994, p. 24.

² ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

- wara li kkunsidra l-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja b'rabta mal-Ukrajna,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2023 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2023,
- wara li kkunsidra l-linji gwida tematiċi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna, adottata fit-2 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi,
- wara li kkunsidra l-Eżami Perjodiku Universali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2022 dwar l-Indja,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-konnettività u r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar il-kooperazzjoni futura UE-Indja fil-qasam tal-kummerċ u l-investment⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-UE u l-isfidi tas-sigurtà fl-Indo-Paċifiku⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2017 dwar ir-relazzjonijiet politiċi tal-UE mal-Indja⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar l-Indja, is-sitwazzjoni fil-Manipur⁷,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-relazzjonijiet UE-Indja⁸,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni għall-istampa tad-Delegazzjoni għall-Indja u l-Bhutan fl-għaxar ċiklu tad-Djalogu UE-Indja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar fil-15 ta' Lulju 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Summit tal-G20 li sar fi New Delhi fid-9 u l-10

³ ĠU C 456, 10.11.2021, p. 117.

⁴ ĠU C 47, 7.2.2023, p. 23.

⁵ ĠU C 493, 27.12.2022, p. 32.

⁶ ĠU C 337, 20.9.2018, p. 48.

⁷ Testi adottati, P9_TA(2023)0289.

⁸ ĠU C 506, 15.12.2021, p. 109.

ta' Settembru 2023,

- wara li kkunsidra s-Summit UE-Indja li se jsir fi New Delhi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0435/2023),
- A. billi l-UE u l-Indja biĥsiebhom jiltaqgħu f'laqgħa tal-mexxejja fi New Delhi fil-bidu tal-2024, b'mod partikolari biex jaffer maw mill-ġdid l-impenji taż-żewġ naħat lejn is-sħubija strateġika tagħhom u biex jagħmlu rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali UE-Indja 2025;
- B. billi l-Indja mistennija torganizza elezzjonijiet parlamentari f'Mejju u Ġunju 2024 u l-Parlament Ewropew se jorganizza l-elezzjonijiet tiegħu f'Ġunju 2024;
- C. billi fl-2022, l-UE u l-Indja ċċelebraw is-60 anniversarju tas-sħubija bilaterali tagħhom; billi din is-sħubija kisbet momentum f'dawn l-aħħar snin, u dan jirrifletti r-rabtiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali sodi u rieda politika mġedda biex isaħħu s-sħubija tagħhom f'għadd ta' setturi u ta' oqsma ta' politika; billi din is-sħubija, madankollu, għadha ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha;
- D. billi r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Indja dwar kwistjonijiet bħall-konnettività u l-klima jikkontribwixxu għas-sħubija UE-Indja; Jinnota li l-isfidi ġeopolitiċi saħħew l-interess kondiviż tal-UE u l-Indja li jkunu żgurati s-sigurtà, il-prospertà u l-iżvilupp sostenibbli;
- E. billi l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali mal-Indja hija partikolarment ġustifikata fil-kuntest attwali ta' polikriżi, inklużi sfidi ġeopolitiċi, rigress demokratiku madwar id-dinja kollha, kriżi klimatika li qed tikber b'rata mġhaġġla, żieda fl-inugwaljanzi u żieda fil-kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar; billi l-UE tfittex sħubija bbażata fuq kundizzjonijiet ekwi mal-Indja peress li din is-sħubija għandha l-potenzjal li tippermetti d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tagħha u li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-prospertà u l-istabbiltà globali u reġjonali u għaż-żamma ta' viżjoni kondiviża ta' multilateraliżmu effettiv u ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli;
- F. billi l-importanza u r-rilevanza reġjonali u globali tal-Indja qed jikbru peress li qabżet iċ-Ċina bħala l-pajjiż bl-akbar popolazzjoni fl-2023 u peress li qed tpoġġi lilha nnifisha bħala setgħa ekonomika u militari reġjonali u qed issaħħaħ is-sħubijiet u tagħti spinta lir-rabtiet ekonomiċi u tad-difiża, b'mod partikolari fix-Xlokk tal-Asja; billi l-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Indja u huwa fl-interess reċiproku taż-żewġ naħat li jitravmu rabtiet ekonomiċi aktar mill-qrib;
- G. billi permezz tal-qafas strateġiku tagħha integrat fl-Istrateġija Globali tagħha, l-Istrateġija dwar l-Indja tagħha, l-Istrateġija għall-Konnettività bejn l-UE u l-Asja tagħha u l-Istrateġija Indo-Paċifika tal-UE, l-UE tirrikonoxxi l-importanza ġeostrateġika tal-Indja, li kulma jmur qed tkompli tikber, u tissottolinja l-ħtieġa li jikkooperaw fl-arena dinjija u li jaqblu fuq aġenda komuni;
- H. billi s-sinifikat reġjonali u globali tal-Indja, li kulma jmur qed jikber, huwa rifless fil-

Presidenza tagħha tal-G20 fl-2023, li bdiet fl-1 ta' Diċembru, u fis-sħubija tagħha fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2021-2022, kif ukoll fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2019-2022 u fl-2022-2024;

- I. billi l-Oċean Indjan sar ċentru globali ta' interess b'importanza strateġika għall-kummerċ globali u ta' interess ekonomiku u strateġiku vitali kemm għall-UE kif ukoll għall-Indja; billi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandu reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi u territorji extra-Ewropej fl-Indo-Paċifiku; billi l-UE u l-Indja jikkondividu interess komuni li jneħħu r-riskji mir-relazzjoni maċ-Ċina u jippożizzjonaw lilhom infushom b'mod konġunt fir-rigward tal-influenza dejjem tikber taċ-Ċina fl-Indo-Paċifiku u fid-dinja; billi l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tal-2021 enfasizzat is-sħubijiet u l-kooperazzjoni bħala modi ta' rispons għall-kompetizzjoni ġeopolitika fl-Indo-Paċifiku u identifikat il-kooperazzjoni mal-Indja bħala waħda mill-prijoritajiet tal-UE fir-reġjun; billi l-UE u l-Indja għandhom interess konverġenti li jżommu r-reġjun Indo-Paċifiku miftuħ, ħieles u sikur, b'enfasi fuq is-sostenn tar-reġjun bħala żona ta' kompetizzjoni ġusta, linji marittimi ta' komunikazzjoni (SLOC) bla xkiel, stabbiltà u sigurtà; billi fil-5 ta' Ottubru 2023, l-UE u l-Indja kellhom it-tielet Djalogu dwar is-Sigurtà Marittima Indja-UE;
- J. billi aktar minn terz tal-esportazzjonijiet Ewropej kollha jmorru lejn ir-reġjun Indo-Paċifiku, filwaqt li ħafna minnhom jgħaddu mill-korsiji tal-baħar fl-Oċean Indjan u Paċifiku; billi l-UE hija dipendenti fuq awtostradi tal-baħar mhux imxekkla li jgħaddu mill-Indo-Paċifiku u għalhekk għandha interess ċar li tinżamm l-istabbiltà fir-reġjun tal-Oċean Indjan;
- K. billi l-Indja fittxet li tiddiversifika s-sħubijiet u saħħet ir-relazzjonijiet fost l-oħrajn mal-Ġappun, l-Awstralja u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fl-oqsma ekonomiċi, tas-sigurtà, marittimi u diplomatiċi, filwaqt li fittxet aktar integrazzjoni max-Xlokk tal-Asja u approfondiet il-kooperazzjoni strateġika;
- L. billi hija meħtieġa tmexxija tal-UE u Indjana biex tkun promossa diplomazija klimatika effettiva, impenn globali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-protezzjoni globali tal-klima, l-ambjent u l-bijodiversità;
- M. billi osservaturi lokali u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jirrapportaw li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti fl-Indja huma soġġetti għal attackki minħabba l-ħidma tagħhom, inkluż fastidju, detenzjoni arbitrarja, akkużi kriminali serji bl-użu ta' leġiżlazzjoni repressiva (inkluż il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu); billi, minkejja li hija pprojbata, id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti għadha problema sistemika fl-Indja;
- N. billi l-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija Indja-UE ġie stabbilit fis-6 ta' Frar 2023;
- O. billi n-negozjati mal-Indja dwar ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) għadhom għaddejjin; billi għaddejjin ukoll negozjati separati dwar Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment u Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) bl-għan li tissaħħaħ is-sħubija strateġika;
1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

Is-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja: il-qafas istituzzjonali

- (a) ikomplu jwessgħu u japprofondixxu r-relazzjonijiet UE-Indja bħala sħab strateġiċi u jżommu l-impenn għal djalogi u summits regolari f'diversi livelli; isegwu approċċ "Tim Ewropa" għas-sħubija;
- (b) jenfasizzaw li fl-ambjent internazzjonali attwali, kemm l-UE kif ukoll l-Indja qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi urġenti tas-sigurtà, li jeħtieġu rispons diplomatiku flimkien ma' deterrenza msaħħa, u kooperazzjoni bejn l-istati demokratiċi;
- (c) jagħmlu avvanzi tanġibbli f'oqsma prijoritarji tas-sħubija, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima u t-tkabbir ekoloġiku, id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-konnettività, il-kummerċ u l-investment, il-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża u d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;
- (d) jibqgħu jippromwovu u jimplementaw bis-sħiħ l-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja tal-2018 u l-Pjan Direzzjonali UE-Indja sal-2025 f'koordinazzjoni mill-qrib mal-azzjonijiet tal-Istati Membri stess biex jikkollaboraw attivament mal-Indja; jistabbilixxu kriterji ċari u disponibbli pubblikament għall-kejl tal-progress fil-pjan direzzjonali;
- (e) abbażi tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali UE-Indja 2025 u filwaqt li jqisu l-perspettivi u l-ħtiġijiet tal-partijiet kollha, jibdew it-tħejjijiet għal kooperazzjoni u sħubija ambizzjużi, multidimensjonali u mġedda b'reqqa;
- (f) jiżguraw li kwalunkwe appronfondiment tas-sħubija jkun ibbażat fuq il-valuri tal-libertà, id-demokrazija, il-pluraliżmu, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp sostenibbli u impenn favur il-promozzjoni ta' ordni internazzjonali inklużiv ibbażat fuq ir-regoli;
- (g) jippermettu s-sorveljanza parlamentari tal-politika tal-UE fir-rigward tal-Indja permezz ta' skambji regolari mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament, is-Sottokumitati tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem u għas-Sigurtà u d-Difiża u kumitati rilevanti oħra;
- (h) jistabbilixxu djalogu interparlamentari aktar strutturat u f'diversi livelli bejn il-Parlament Ewropew u l-kontropartijiet Indjani tiegħu;
- (i) jiżguraw il-konsultazzjoni trasparenti attiva u regolari, miftuħa u inklużiva u l-involviment tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-UE u Indjani, inkluż it-trade unions, l-organizzazzjonijiet ambjentali u tad-drittijiet tan-nisa u rappreżentanti tal-minoranzi, fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-relazzjonijiet UE-Indja; jiżguraw, bħala kwistjoni ta' prijorità, l-istabbiliment ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Indja għal dan l-għan u ta' Summit taż-Żgħażaġħ UE-Indja bħala avveniment parallel f'summits futuri UE-Indja, sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar;
- (j) iżidu l-isforzi tad-diplomazija pubblika tal-UE biex jindirizzaw id-defiċit fl-għarfien fuq iż-żewġ naħat u jtejbju l-komprensjoni reċiproka u jsaħħu b'mod sostanzjali l-qafas għal

skambji bejn il-persuni, inkluż ukoll l-akkademja u l-gruppi ta' riflessjoni;

Il-kooperazzjoni UE-Indja fil-politika estera u ta' sigurtà

- (k) ikomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni dejjem akbar taż-żewġ partijiet fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà u jippromwovu sinerġiji akbar f'dan il-qasam permezz tal-mekkaniżmi ta' djalogu eżistenti u fora oħra stabbiliti fl-ambitu tal-Pjan Direzzjonali UE-Indja sal-2025, b'mod partikolari fl-interess u għall-avvanz tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u fid-difiża tal-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;
- (l) jirrikonoxxu li l-ewwel konsultazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża bejn l-UE u l-Indja, li saret f'Ġunju 2022, hija sinjal tal-importanza dejjem tiżdied tal-kooperazzjoni dwar is-sigurtà fis-sħubija; jużaw l-istazzjonar tal-ewwel attaché militari fid-delegazzjoni tal-UE fi New Delhi biex jiffaċilitaw kooperazzjoni u skambji aktar mill-qrib bejn il-forzi militari; jorganizzaw djalogi bilaterali dwar is-sigurtà fuq bażi annwali u b'invoviment akbar tal-Istati Membri tal-UE sabiex jissaħħaħ id-djalogu politiku u jkun hemm riżultati tanġibbli permezz tal-adeżjoni effettiva tal-Istati Membri; jiżguraw, barra minn hekk, li dan l-element tas-sħubija, li kulma jmur qed isir aktar prominenti, jippromwovi b'mod effettiv is-sigurtà, l-istabbiltà u l-iżvilupp paċifiku kondiviżi fir-reġjun Indo-Paċifiku f'konformità mal-impenn imġedded tal-UE għad-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet fir-reġjun Indo-Paċifiku; jenfasizzaw l-importanza tad-Djalogu UE-Indja dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu;
- (m) jinkoraġġixxu lill-Indja ssaħħaħ il-kooperazzjoni tas-sigurtà reġjonali filwaqt li tirrikonoxxi l-kuntest volatili tal-proliferazzjoni, il-modernizzazzjoni militari, u t-tilwim territorjali; jippromwovu l-prevenzjoni tal-kunflitti u l-kooperazzjoni ekonomika billi jappoġġjaw inizjattivi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Asja tan-Nofsinhar, inkluż fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Asja tan-Nofsinhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC);
- (n) jagħmlu progress fil-pjanijiet biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija, filwaqt li jitqies li tali kooperazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn salvagwardji ta' livell għoli għall-protezzjoni tad-data u garanziji li t-trasferimenti tad-data jkunu legali, inkluż permezz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza meħuda mill-Kummissjoni;
- (o) isaħħu l-kooperazzjoni dwar it-theddid ibridu, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni, permezz ta' mekkaniżmi li għandhom l-għan li jikkondividu l-evidenza u l-intelligence;
- (p) jespandu u jwessgħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar is-sigurtà marittima mħeġġa wkoll minn interessi kondiviżi, b'mod partikolari minħabba l-preżenza li qed tevolvi taċ-Ċina fl-Indo-Paċifiku; jiżguraw ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli ħieles u miftuħ li jkopri l-libertà tan-navigazzjoni, linji marittimi ta' komunikazzjoni miftuħa u sikuri, sigurtà mtejba tat-tbaħħir u sistemi ta' rispons aktar robusti għad-diżastri naturali u t-theddid mhux tradizzjonali għas-sigurtà u għall-ġlieda kontra l-piraterija u s-sajd illegali; jibnu fuq l-esperjenzi ta' kooperazzjoni kostruttiva, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Indja għall-Operazzjoni Navali Atalanta tal-UE (EUNAVFOR) billi tippoteġi l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel meta tintalab tagħmel dan, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħha f'eżerċizzji ta' mogħdija (PASSEX) konġunti; jagħtu segwitu għall-ewwel eżerċizzji navali UE-Indja ta' Ġunju 2021 fil-Golf ta' Aden;

jinkoraġġixxu aktar komprensioni kondiviża tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar; iwieġbu b'mod pożittiv għall-proposta Indjana li l-UE tingħaqad mal-Inizjattiva għall-Oċeani tar-reġjun Indo-Paċifiku; jikkunsidraw l-iżvilupp ta' programm reġjonali konġunt bejn l-UE u l-Indja għall-bini tal-kapaċità marittima għall-istati gżejjer u kostali iżgħar fl-Oċean Indjan;

- (q) isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u jinkoraġġixxu lill-Indja biex tingħaqad mal-isforzi tal-UE għall-promozzjoni tas-sikurezza nukleari u n-nonproliferazzjoni tal-armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi fir-reġjun;
- (r) jibnu fuq l-ewwel strateġija spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża, u fuq l-enfasi dejjem akbar tal-Indja fuq is-sigurtà spazjali billi jieħdu inizjattiva konġunta biex iħeġġu lis-sħab jippromwovu soluzzjonijiet multilaterali għall-użu paċifiku tal-ispazju u aċċess sikur, sigur u sostenibbli għall-ispazju, u biex jiġġieldu r-riskji tal-militarizzazzjoni dejjem akbar tiegħu;
- (s) jikkoordinaw il-pożizzjonijiet u l-inizjattivi fil-fora multilaterali billi jaħdmu favur objettivi konġunti msejsa fuq valuri u standards internazzjonali kondiviżi, b'mod partikolari fin-NU, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-G20, filwaqt li jallinjaw b'mod effettiv il-pożizzjonijiet fid-difiża tal-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem u ordni internazzjonali inklużiv ibbażat fuq ir-regoli; jipparteċipaw ruħhom f'diskussjonijiet dwar riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-metodi ta' ħidma u jappoġġjaw it-talba tal-Indja għal sħubija permanenti f'Kunsill tas-Sigurtà tan-NU riformat; jirrimarkaw li l-UE u l-Indja huma tnejn mill-akbar kontributori għaż-żamma tal-paċi fi ħdan in-NU u promoturi impenjati tal-paċi sostenibbli;
- (t) jippromwovu azzjoni konġunta u koordinazzjoni għall-iżvilupp u l-għajjnuna umanitarja, konnettività msaħħa, l-iżvilupp tal-infrastruttura u appoġġ għall-proċessi demokratiċi fin-Nofsinhar Globali;
- (u) djalogu mal-Indja dwar il-kwistjoni tad-dipendenza militari qawwija tagħha fuq ir-Russja u dwar il-politika ta' sanzjonijiet tal-UE fil-konfront tar-Russja; iħeġġu lill-Indja tingħaqad mal-kundanna internazzjonali tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li tinzomm il-linja politika tagħha li timmira li ttemm l-ostilitajiet u terġa' tibda d-diplomazija u d-djalogu; djalogu mal-Indja dwar ix-xiri kontinwi taż-żejt mhux maħdum mingħand ir-Russja bi prezzijiet baxxi u l-bejgħ sussegwenti tal-Indja ta' prodotti taż-żejt raffinat fis-swieq internazzjonali, inkluż fl-UE; jiżguraw monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi u jissanzjonaw kwalunkwe tentattiv biex dawn jiġu evitati, b'mod partikolari minn negozji bbażati fl-UE li jeħtieġ li jieqfu jixtru dawn prodotti, li essenzjalment jikkostitwixxu ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja;
- (v) ikomplu jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni inkwetanti fil-Kashmir amministrat mill-Indja, b'mod partikolari r-rispett għal-libertajiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-poplu Kashmiri; impenn kontinwu biex jiġu appoġġjati l-istabbiltà, it-tnaqqis tat-tensjoni u t-tqarrib permezz ta' relazzjonijiet ta' viċinat tajba bejn l-Indja u l-Pakistan abbażi tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u permezz ta' djalogu komprensiv u approċċ gradwali; tiġi promossa l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà

tan-NU u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Kashmir;

- (w) jissorveljaw mill-qrib it-tilwima mhux solvuta dwar il-fruntieri bejn l-Indja u ċ-Ċina, li t-tnejn huma potenzi nukleari, peress li f'dan ir-reġjun tal-fruntiera s-sitwazzjoni hija fraġli u l-militarizzazzjoni kulma jmur qed tiżdied, bil-potenzjal li tintensifika u toqot ix-xenarju usa' tas-sigurtà fl-Asja t'Isfel u s-sigurtà globali; jinnotaw bi tħassib it-tensjoni permanenti fir-relazzjonijiet bejn l-Indja u ċ-Ċina, minħabba tilwim mhux solvut dwar il-fruntieri u jikkundannaw kwalunkwe tentattiv biex jinbidel unilateralmment l-istatus quo tal-fruntiera, bħal pereżempju miċ-Ċina fl-2020; jissottolinjaw liż-żewġ partijiet l-importanza kritika li l-kwistjoni tiġi solvuta b'mod paċifiku permezz tad-djalogu u f'konformità man-normi tad-dritt internazzjonali; f'dan ir-rigward, jilqgħu t-taħditiet reċenti bejn il-mexxejja u l-ftehim biex jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġu diżimpenjati u jitnaqqsu t-tensjonijiet tul il-fruntiera; jilqgħu l-isforzi tal-Indja biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali billi tinvolvi ruħha mar-reġjun;

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija: minn appendiċi għall-qalba tar-relazzjonijiet UE-Indja

- (x) jintegraw b'mod effettiv id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi fil-qalba tal-kollaborazzjoni tal-UE mal-Indja bl-għan ta' djalogu kostruttiv u bbażat fuq ir-riżultati; jiżviluppaw strateġija u pjan ta' azzjoni biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, u jintegrawhom fis-sħubija usa' bejn l-UE u l-Indja;
- (y) jikkundannaw l-atti ta' vjolenza, ir-retorika nazzjonalistika u l-politiki diviżivi li qed jiżdiedu u jappellaw lill-mexxejja biex ma jkomplux jagħmlu dikjarazzjonijiet xewwiexa sabiex jissolvew il-kunflitti soċjali, inklużi dawk f'Manipur; ikomplu jesprimu tħassib serju, inkluż pubblikament, dwar l-Att Emendatorju dwar iċ-Ċittadinanza u liġijiet oħra Indjani li jiddiskriminaw abbażi tar-reliġjon u li huma diviżivi b'mod perikoluż; jinkoraġġixxu lill-Indja tiggarrantixxi d-dritt li wieħed jipprattika b'mod liberu r-reliġjon tal-għażla tiegħu, kif minqux fl-Artikolu 25 tal-Kostituzzjoni tagħha; jiġġieldu u jikkundannaw id-diskors ta' mibegħda li jinċita d-diskriminazzjoni jew il-vjolenza kontra kwalunkwe minoranza reliġjuża, bħall-Musulmani u l-Insara; iħeġġu lill-awtoritajiet Indjani jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u jagħmlu l-akbar sforz biex iwaqqfu l-vjolenza li għaddejja, inkluż id-diskors ta' mibegħda, kontra l-minoranzi etniċi u reliġjużi u ċerti organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin fil-pajjiż u biex iżommu lill-awturi responsabbli;
- (z) jinsistu li l-Indja, bħala membru fundatur tan-Nazzjonijiet Uniti u membru attwali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-proċess tal-Eżami Perjodiku Universali tagħha, inkluż billi taċċetta u tiffaċilita ż-żjarat tal-proċeduri speċjali tan-NU u tikkoopera mill-qrib magħhom, li l-biċċa l-kbira minnhom sal-lum ma tħallewx iżuru l-pajjiż mill-1999;
- (aa) jindirizzaw fil-livelli kollha tad-djalogu tagħha mal-awtoritajiet Indjani t-tħassib imqajjem mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rapporteurs speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-gruppi vulnerabbli u emarġinati, bħan-nisa, it-tfal, il-migranti u l-persuni LGBTQI, b'referenza għall-obbligi reċiproċi tat-trattati fl-ambitu ta' diversi strumenti tad-dritt internazzjonali:

- (ab) jenfasizzaw l-importanza li l-Indja turi l-impenn tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tinforza bis-sħiħ id-drittijiet iggarantiti kostituzzjonalment għal-libertà tal-espressjoni għal kulħadd, inklużi l-libertà tal-media online u d-dritt għal għaqda paċifika u assoċjazzjoni u l-indipendenza tal-ġudikatura; jinkoraġġixxu lill-Indja toħloq ambjent li jwassal għal ġurnaliżmu divers u indipendenti u tipproteġi lill-professjonisti kollha tal-media kif previst mill-Kostituzzjoni tagħha;
- (ac) jaħdmu flimkien mal-Indja sabiex jiżguraw ambjent sikur u demokratiku għall-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, id-difensuri tad-drittijiet tad-Dalit u tal-popli indiġeni, il-membri tal-oppożizzjoni politika u l-attivisti tat-trade unions, il-ġurnalisti u atturi oħra tas-soċjetà ċivili; ma jibqgħux jinvokaw liġijiet kontra s-sedizzjoni, il-finanzjament barrani u t-terroriżmu bħala mezz biex jirrestrinġu l-attivitajiet leġittimi tagħhom; jinħelsu lill-priġunieri politiċi; jitwaqqfu r-restrizzjonijiet ġenerali fuq l-aċċess għall-internet; jirrieżaminaw il-liġijiet sabiex jevitaw l-abbuż possibbli tagħhom biex isikktu l-ilħna ta' kritika; jemendaw il-liġijiet li jrawmu d-diskriminazzjoni u jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja u jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jindirizzaw l-effetti dannużi tal-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet Barranin u tal-Att dwar (il-Prevenzjoni ta') Attivitajiet Illegali fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iżidu l-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jiffaċilitaw opportunitajiet ta' finanzjament;
- (ad) jilqgħu l-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Riżervazzjoni tan-Nisa, li se jirriżerva terz tas-siġġijiet fil-parlament nazzjonali u f'dawk tal-istati għan-nisa u huwa pass notevoli 'l quddiem favur id-dritt tan-nisa għall-parteċipazzjoni u favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Indja; jikkollaboraw mal-Indja fl-isforzi tagħha biex tinvestiga u tipprevjeni l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa;
- (ae) jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet Indjani biex itemmu d-diskriminazzjoni persistenti bbażata fuq il-kasti fl-Indja u biex jagħtu drittijiet lill-komunitajiet Adivasi f'ambitu tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Foresti; jaqsmu l-esperjenza tal-UE fl-indirizzar tal-isfidi domestiċi tar-reati ta' mibegħda; jadottaw b'mod partikolari strateġija tal-pajjiż biex tgħin fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti u biex tintegra l-perspettivi relatati mal-kasti fis-sħubija tal-UE u tal-Istati Membri mal-Indja;
- (af) ifakkru fir-rifjut bi prinċipju u fit-tul tal-UE tal-piena tal-mewt u jtennu t-talba tagħhom lill-Indja għal moratorju fuq il-piena tal-mewt bil-ħsieb tal-abolizzjoni permanenti tal-piena kapitali;
- (ag) jilqgħu l-adozzjoni mill-Indja ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; japprofondixxu l-kooperazzjoni mal-Indja dwar dan, inkluż dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xoġhol; ifakkru fir-responsabbiltajiet tal-kumpaniji kollha li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-valur tagħhom, jinkoraġġixxu lill-Indja tipparteċipa b'mod attiv fin-negozjati li għaddejjin dwar trattat vinkolanti tan-NU li jirregola l-intrapriżi kummerċjali fl-ambitu tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

- (ah) jiżguraw li l-operazzjonijiet fl-Indja jew mal-Indja ta' kumpaniji bbażati fl-UE jkunu strettament konformi mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż id-direttiva futura dwar is-sostenibbiltà korporattiva u d-diliġenza dovuta u r-regolament futur dwar ix-xogħol furzat; jieħdu passi biex jiżguraw li l-attivitajiet kummerċjali kollha relatati mal-UE li jinvolvu l-industriji estrattivi jinkludu qafas konsultattiv robust u ġust li jikkonforma mad-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat ta' kwalunkwe poplu indiġenu milquta; iħeġġu lill-Indja tirratifika l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, u l-Konvenzjoni tan-NU għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;
- (ai) jinkoraġġixxu lill-Indja tkompli tappoġġja l-isforzi tal-ġustizzja internazzjonali billi taderixxi mal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- (aj) jikkonvertu d-Djalogu UE-Indja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fi djalogu biannwali u fil-livell tal-kwartieri ġenerali, u jistinkaw biex jagħmluh sinifikattiv permezz ta' parteċipazzjoni ta' livell għoli, filwaqt li jistabbilixxu impenji u parametri referenzjarji konkreti għall-progress u jindirizzaw il-każijiet individwali skont il-linji gwida tal-UE dwar id-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem; jiffaċilitaw iż-żamma ta' djalogu tas-soċjetà ċivili UE-Indja qabel id-djalogu intergovernattiv; isaħħu r-rabtiet bejn id-djalogu u l-kooperazzjoni fil-fora multilaterali; jiżguraw li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jirrapporta regolarment lill-Parlament dwar ir-riżultati miksuba;
- (ak) itennu li kwalunkwe FTA mal-Indja għandu jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa, effettivi u komprensivi minn qabel fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq is-sostenibbiltà mwettqa miż-żewġ naħat, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-impatt potenzjali fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli; jinkludu u jikkonsultaw b'mod sinifikattiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż it-trade unions u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, matul in-negozjati għal kwalunkwe ftehim bilaterali ewlieni; itennu l-hteġa li tittieħed azzjoni fuq il-pożizzjoni fit-tul tal-Parlament dwar l-importanza ta' kapitolu infurzabbli u robust dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi;
- (al) jaħdmu lejn il-kisba ta' objettivi komuni u ta' benefiċċju reċiproku dwar il-kummerċ u l-investment li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni filwaqt li jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem u jikkontribwixxu għalihom, inkluż id-drittijiet tal-ħaddiema; jippromwovu l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030;
- (am) jagħmlu l-aħjar użu mill-impenn tal-Indja favur il-multilateraliżmu u ordni kummerċjali internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jippromwovu r-rwol deċiżiv tal-Indja fl-isforzi kontinwi għar-riforma tad-WTO;

Konnettività fuq il-klima, l-enerġija u kwistjonijiet diġitali

- (an) jilqgħu s-Sħubija dwar il-Konnettività UE-Indja u l-impenn li tinkludi favur l-appoġġ għan-networks diġitali, tat-trasport u tal-enerġija sostenibbli, għall-fluss tal-oġġetti, tas-servizzi, tad-data u tal-kapital u l-iskambju ta' persuni, b'kontribut favur l-istrateġija usa' tal-UE dwar il-Global Gateway; li jinnotaw li s-Sħubija dwar il-Konnettività saret wieħed mill-aktar aspetti importanti tas-sħubija UE-Indja; jieħdu nota tal-impenn tal-UE għas-Sħubija għall-Infrastruttura u l-Investment Globali mnedija fil-G20 fi New Delhi

u jenfasizzaw li din għandha tiġi kkoordinata kif xieraq mal-Global Gateway kif ukoll mas-Sħubija tal-G7 għall-Investment fl-Infrastruttura Globali; jinsistu fuq valutazzjoni rigoruża tal-impatt fuq is-sostenibbiltà u fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-proġetti ffinanzjati permezz tas-sħubija, inkluż il-vijabbiltà kummerċjali u t-trasparenza tagħhom, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards ambjentali;

- (ao) isaħħu l-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet relatati mal-klima u l-enerġija mal-Indja bħala sieħba ewlenija fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni tal-bijodiversità u fi tranżizzjoni ekoloġika lejn l-enerġija rinnovabbli u n-newtralità klimatika, b'qies xieraq għall-impatt tagħhom fuq dawk l-aktar vulnerabbli; jirrikonoxxu li l-Indja qed tipprovdni eżempju importanti għad-dinja billi turi li hu possibbli li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u fl-istess ħin tiġi mwettqa l-aġenda għall-iżvilupp;
- (ap) imexxu bl-eżempju dwar kif l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni jingħataw prijorità meta jiġu implimentati l-miri tal-bijodiversità; jinkoraġġixxu sħubija konġunta fil-promozzjoni ta' aġenda komuni ambizzjuża u azzjoni globali dwar il-bijodiversità; jaħdmu mal-Indja dwar l-isfidi tal-impennji globali relatati mad-deforestazzjoni, l-urbanizzazzjoni rapida u l-iżvilupp industrijali;
- (aq) jilqgħu t-tmexxija tal-Indja u l-espansjoni tal-Koalizzjoni għal Infrastruttura Reżiljenti għad-Diżastri, filwaqt li jħeġġu l-investment globali u l-politika koordinata dwar il-klima u r-reżiljenza għad-diżastri; jilqgħu l-fatt li kemm l-UE kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment issa huma membri tal-koalizzjoni, u għalhekk jikkontribwixxu għas-Sħubija ta' Konnettività UE-Indja u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Global Gateway tal-UE;
- (ar) jilqgħu u jappellaw għal aktar progress fis-Sħubija UE-Indja għall-Enerġija Nadifa u l-Klima dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-tibdil fil-klima, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-Indja huma mistennija li se jirdoppjaw u aktar fl-20 sena li ġejjin; jinkoraġġixxu aktar investment fl-Indja sabiex tiġi pprovduta enerġija sikura, affordabbli u sostenibbli, bil-ħsieb li l-Indja tilħaq il-miri ambizzjużi tagħha dwar l-enerġija rinnovabbli; ikomplu l-isforzi biex tiġi żviluppata aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar l-enerġija solari u l-idroġenu; jaħdmu mal-Indja fuq l-iżvilupp sostenibbli u r-riskji ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-investimenti ekoloġiċi, it-tniġġis tal-arja u l-kwalità u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma; jipprovdni assistenza teknika f'dan ir-rigward; jindirizzaw b'mod konġunt l-impatti tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri;
- (as) iżidu l-involviment mal-Indja dwar l-emerġenzi tas-saħħa, il-farmaċewtiċi u l-innovazzjonijiet tas-saħħa diġitali għal kopertura universali tas-saħħa, peress li hija l-akbar produttur u esportatur tal-mediċina ġenerika u attur attiv fi kwistjonijiet tas-saħħa globali fil-fora multilaterali; jaġixxu dwar l-impenn biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa; iżidu l-isforzi biex tinstab soluzzjoni rapida, mingħajr ma jiġi kompromess il-kontenut, għall-aċċess universali għal prodotti farmaċewtiċi bi prezz li jintlaħaq;
- (at) jilqgħu l-ħolqien tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija u jagħmlu użu

effettiv minnu; jirrikonoxxu l-potenzjal sostanzjali tal-kwistjonijiet diġitali bħala parti mis-sħubija UE-Indja, u dan jinkludi l-infrastruttura diġitali u l-konnettività, il-politika diġitali, il-protezzjoni u l-flussi tad-data u ċ-ċibersigurtà; iżidu l-kooperazzjoni fil-computing ta' prestazzjoni għolja u fit-teknoloġiji kwantistiċi, biex b'hekk itejbu s-soluzzjonijiet teknoloġiċi f'għadd kbir ta' setturi; jirrikonoxxu li bl-appoġġ mill-Indja, l-UE tinsab f'pożizzjoni aħjar biex tavvanza l-istandards globali fis-settur diġitali; jinnotaw il-fehmiet differenti tal-UE u tal-Indja dwar il-protezzjoni tad-data u t-trasferimenti transfruntiera tad-data; jesprimu tħassib li l-Indja torbot il-protezzjoni tad-data mas-sigurtà nazzjonali tagħha, u b'hekk toħloq ostaklu għall-allinjament tar-regolamentazzjoni Indjana u Ewropea fir-rigward tad-data; jinkoraġġixxu, madankollu, il-ħidma fuq l-istabbiliment ta' standards kondiviżi li jħarsu l-privatezza u l-protezzjoni tad-data, jipprovdu salvagwardji adegwati u jiffaċilitaw relazzjonijiet moderni tal-kummerċ u tas-sigurtà;

- (au) jikkooperaw mal-Indja fit-tmexxija tal-konverżazzjoni dinjija dwar l-użu etiku u responsabbli sikur tal-intelliġenza artifiċjali u biex tavvanza l-intelliġenza artifiċjali bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem; jinkoraġġixxu sforzi kollaborattivi biex jiġu stabbiliti standards u linji gwida internazzjonali għall-użu responsabbli tal-intelliġenza artifiċjali li jipprijoritizzaw id-drittijiet tal-bniedem u l-kunsiderazzjonijiet etiċi;
- (av) javvanzaw fuq impenn kondiviż biex ma jiġux restritti jew ipprojbiti b'mod selettiv pjattaformi tal-midja soċjali, ma tiġix limitata l-libertà tal-espressjoni online u ma jiġux imposti projbizzjonijiet fuq l-aċċess għall-internet u t-telekomunikazzjonijiet, filwaqt li jiġu stabbiliti standards konġunti għall-ekonomija diġitali li għandhom ikunu msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem; jesprimu tħassib dwar rapporti dwar ix-xiri u l-użu mill-gvern Indjan ta' software ta' spjunaġġ kif ukoll ta' mijiet ta' mezzi tax-xandir foloz u organizzazzjonijiet mhux governattivi organizzati mill-gvern (GONGOs), fost l-oħrajn biex ikollhom fil-mira tagħhom istituzzjonijiet internazzjonali;
- (aw) jinkoraġġixxu aktar kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, b'mod partikolari billi jinħolqu rabtiet bejn proġetti Ewropej u inizjattivi Indjani fit-teknoloġiji ekoloġiċi, l-infrastruttura tal-ilma u l-innovazzjoni diġitali;
- (ax) jiffaċilitaw aktar mobbiltà bejn l-UE u l-Indja, inkluż għar-riċerkaturi, il-migranti ħaddiema, l-istudenti, il-ħaddiema u l-artisti b'livell għoli ta' ħiliet, kif ukoll l-iskambji bejn il-persuni fis-setturi kollha rilevanti għas-sħubija UE-Indja;

o

o o

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lill-korpi leġiżlattivi u lill-Gvern tal-Indja.

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

L-għan ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li twessa' u tapprofondixxi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja billi jsir progress f'oqsma ta' prijorità li huma fl-interess taż-żewġ naħat u l-benesseri taċ-ċittadini rispettivi tagħhom permezz ta' kooperazzjoni msaħħa f'diversi oqsma, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali UE-Indja 2025.

Ir-rakkomandazzjoni tappella għal azzjoni u tmexxija kondiviżi fl-arena globali fuq kwistjonijiet bħall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Ir-rakkomandazzjoni tenfasizza l-ħtieġa għal konnettività aktar b'saħħitha, inklużiva u bbażata fuq ir-regoli bejn l-UE u l-Indja fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, it-trasport, il-klima, l-ambjent, l-enerġija u s-saħħa.

Ir-rakkomandazzjoni tesprimi t-tħassib tagħha dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dwar il-fatt li l-ispazju ċiviku fl-Indja qed jiċkien, u tappella biex l-UE u l-Indja jaħdmu b'mod konġunt favur is-salvagwardja tad-drittijiet demokratiċi u tal-bniedem taċ-ċittadini kollha, u biex id-drittijiet tal-bniedem jinġiebu fil-qalba tas-sħubija bejn l-UE u l-Indja.

Tqis lill-Indja bħala alleat ewlieni għall-UE fl-Indo-Paċifiku, fejn huma għandhom interess komuni biex jiżguraw ordni internazzjonali ħieles, miftuħ u bbażat fuq ir-regoli. Tirrikonoxxi l-politika tas-sigurtà u d-difiża bħala qasam ta' importanza dejjem akbar u b'potenzjal għoli, b'mod partikolari f'termini ta' sigurtà marittima.

Tagħmel rakkomandazzjoni urġenti lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex isaħħu s-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Indja abbażi tal-governanza demokratika u d-dritt internazzjonali, u biex jibdeu iħejju għal sħubija ambizzjuża ġdida wara l-Pjan Direzzjonali UE-Indja li jintemm fl-2025.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I għar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
Id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (INTPA);
The London Story
International Dalit Solidarity Network
Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH)
Ambaxxata tal-Indja għall-Unjoni Ewropea

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	7.12.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Fotyga, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Leopoldo López Gil, Thierry Mariani, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Tonino Picula, Thijs Reuten, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hilde Vautmans, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Özlem Demirel, Engin Eroglu, Andrey Kovatchev, Katrin Langensiepen, Ramona Strugariu, Javier Zarzalejos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Dace Melbārde, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Maria Spyraiki, Rainer Wieland

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

37	+
ECR	Anna Fotyga, Dominik Tarczyński, Charlie Weimers
ID	Thierry Mariani
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Pablo Arias Echeverría, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Leopoldo López Gil, Dace Melbārde, Radosław Sikorski, Maria Spyraki, Rainer Wieland, Javier Zarzalejos, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Engin Eroglu, Ilhan Kyuchyuk, Ramona Strugariu, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Pedro Marques, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Tonino Picula, Thijs Reuten, Inma Rodríguez-Piñero, Andreas Schieder
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Jordi Solé, Thomas Waitz

0	-

1	0
The Left	Özlem Demirel

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni